MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Numru. 997/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**GIUSEPPE SCICLUNA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Scicluna, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 268545M.

**Akkuzat talli:**

Bejn Jannar 1999 u April 2005 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tas-socjeta` **Tyre Services Limited**, approprja ruhu, billi

dawwar bi *profit* ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta` disgha u tletin elf ewro, wiehed u tletin u sitta u sebghin centezmu tal-ewro (€39,031.76).

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;
Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti rat il-eccezzjoni preliminari tad-difiza li l-imputat in *ne bis in idem* stante illi l-imputat odjern kien diga tressaq diversi drabi ohra fuq dawn l-identici akkuzi quddiem diversi Qrati diversament ippresjeduta u li, llum, ghaddew in gudikat.

Illi l-Qorti rat in-nota ta` sottomissjonijiet in sostenn ta` dina l-mezzjoni preliminari li d-difiza pprezentat fil-hmistax (15) ta` Ottubru, 2012.

Illi dina l-Qorti tat lill-Prosekuzzjoni l-opportunita` li taghmel nota responsiva ghal dina n-nota ta` sottomissjonijiet u fis-seduti tat-tmienja (8) ta` Novembru 2012, sebgha (7) ta` Marzu 2013, tmintax (18) ta` Gunju 2013, tnejn u ghoxrin (22) ta` Ottubru 2013 u sitta u ghoxrin (26) ta` Frar 2014 izda l-ebda nota responsiva ma giet ipprezentata.

Illi dina l-Qorti rat ukoll il-koppji ta` sentenzi ezebiti mid-difiza li jikkoncernaw l-imputat odjern u li jikkoncernaw ukoll akkuzi identici li jispanjaw ukoll il-perjodu ikkontemplat f'dana l-istess att t'akkuza u cioe`

1. Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Jospeh Scicluna – Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali – Magt. Dr. D. Clarke, LL.D., tnejn u ghoxrin (22) ta` Settembru, 2011;

2. IDEM – Qorti tal-Appell Kriminali – Imhallef L. Quintano, LL.D., ghoxrin (20) ta` Settembru, 2012.

Illi dina l-Qorti fliet bir-reqqa n-nota ta` sottomissjonijiet tad-difiza kif ukoll ezaminat is-sentenzi ezebiti sabiex tassikura li hawn *si tratta* tal-istess imputat, l-istess fatti u l-istess akkuzi.

Illi dina l-Qorti tinsab sodisfatta li dan huwa minnu u ghalhekk ma tara l-ebda raguni ghaliex dina l-Qorti ma taghmilx taghha dawk il-konkluzjonijiet li ghalihom wasal l-avukat tad-difiza.

Illi, konsegwentement, dina l-Qorti qiedgha taccetta l-eccezzjoni preliminari tad-difiza tan-*ne bis in idem* u qiedgha tostjeni milli tiehu in-konjuzzjoni l-atti ta` dina l-kawza u qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------